**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru 79/2016**

**Wara l-ittra uffiċjali numru 2926/16 datata 22 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet:**

**Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma**

**Vs**

**C&F Building Contractors Limited (C15308)**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors tas-soċjeta` rikorrenti ppreżentat fl-14 ta' Diċembru 2016 li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-
"

1. *Illi permezz tal-ittra uffiċjali ta' nhar it-22 ta' Novembru, 2016, mibgħuta lill-appellanti r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għamel referenza għall-artiklu 5 (1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap 545 tal-Liġijiet ta' Malta) li jidisponi li r-regolatur għandu jkollu inter alia il-funzjonijiet: (a) li jirregola, jissorvelja u jżomm fil-konjizzjoni tiegħu kull prattika, operazzjoni u attivita' li tirrigwarda s-servizzi u r-riżorsi tal-enerġija u l-ilma; (e) li jistabilixxi livelli ta' kwalita' u sigurezza minimi għal kull waħda mill-imsemmija prattiċi, operazzjonijiet u attivitajiet u jirregola dawk il- miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiżguraw is-sigurezza pubblika u dik privata;*

2. *Illi permezz tal-istess ittra uffiċjali, ir-Regolatur għamel ukoll referenza għad-disposizzjonijiet tar-regolament 3(b) tar-Regolamenti dwar il-Petroleum għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art (LS.545.22) li jeħtieġ li l-operazzjoni ta' faċilita' sekondarja tal-ħażin tal-petroleum teħtieġ awtorizazzjoni mingħand ir-Regolatur.*

3. *Illi permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali, ir-Regolatur appellat premetta illi permezz ta' spezzjoni mwettqa minn uffiċjali tar-Regolatur ġie verifikat li s-soċjeta' intimata C&F Building Contractors Limited (C15308) qiegħda taħżen petroleum tat-tip diesel ġewwa ħażna fil-fond fli-indirizz segwenti: C&F Building Contractors, Triq Ħal Far, Birżebbuġia. Ir-Regolatur kompla billi jippremetti illi huwa ġibed l-attenzjoni tal-istess soċjeta' intimata m'hijiex awtorizzata biex taħżen petroleum f'dak il-fond mingħajr awtorizzazzjoni mingħand ir-Regolatur.*

4. *Illi fl-imsemmija ittra uffiċjali, ir-regolatur kompla billi ppremetta illi fis-6 ta' Lulju 2016, Spetturi tiegħu elevaw kampjuni ta' fuels mill-istess ħażna, u dan il-fatt ġie konfermat wara li saret analiżi tal-istess kampjuni minn laboratorju indipendenti. Ir-Regolatur premetta ukoll illi minkejja li s-soċjeta' intimata, llum appellanti, ġiet ukoll avżata li għandha tiċċessa b'effett immedjat milli twettaq dawn il-vjolazzjonijiet, hija xorta waħda baqgħet inadempjenti.*

5. *Illi għalhekk permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali, ir-regolatur interpella lis-soċjeta' appellanti sabiex fi żmien (20) jum min-notifika ta' din l-ittra tissottometti mar-Regolatur mittenti applikazzjoni biex l-istess soċjeta' intimata tkun tista' topera faċilita' sekondarja tal-ħżin tal-petroleum. Ir-Regolatur interpella wkoll lis-soċjeta' intimata sabiex tiddeżisti milli twettaq kull attivita' f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjoni ta' faċilita' sekondarja tal-ħżin tal-petroleum fil-fond li jinsab fi Triq Ħal Far, Birżebbuġia. Ir-Regolatur provda wkoll illi fin-nuqqas li s-soċjeta' appellanti tottempra ruħha ma' dan, u li ma tirregolax ruħha fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra, ir-Regolatur ikun qiegħed jimponi fuq is-soċjeta' appellanti multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 12(2) tal-Kap 545 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef Ewro (€3,000) u ta' ħamsin Ewro (€50) għal kull jum ta' nuqqas ta' tħaris.*

6. *Illi skont l-artikolu 13(6) tal-Kap 545 f'każ illi jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell mill-ittra uffiċjali mingħajr ma tali appell ikun ġie intavolat, ladarba ssir in-notifika ta' kopja tal-istess lill-persuna li tkun weħlet penali amministrattiva, l-istess ittra uffiċjali tkun tikkonstistwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 235(a) tal-Kap 12;*

7. *Illi s-soċjeta' esponenti ħasset ruħha aggravata bil-kontenut tal-imsemmija ittra u għalhekk qiegħda tinterponi dan l-umili appell minnha ai termini tal-artikolu 32 tal-Kap 545 tal-Liġijiet ta' Malta.*

8. *Illi l-aggravji tal-esponenti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

***L-Ewwel Aggravju: Proċeduri huma nulli għaliex ma jsegwux dik il-proċedura stabbilita mil-liġi fl-intier tagħha.***

9. *Illi preliminarjament l-esponenti tissottometti illi l-proċeduri inizjati permezz tal-ittra uffiċjali tar-Regolatur huma nulli stante illi l-istess Regolatur naqas milli josserva r-rekwiżiti proċedurali kollha stabbiliti mil-liġi.*

10. *Illi l-proċedura li qiegħed jutilizza r-Regolatur, permezz ta' liema l-istess Regolatur jista' jgħaddi sabiex jimponi u jirkupra penali amministrattivi wara l-ħruġ ta' ittra uffiċjali tinsab stabbilita permezz tal-artikolu 13 tal-Kap 545. Effettivament dik il-proċedura hija waħda fejn ir-Regolatur jista' jimponi penali amministrattivi, b'dana illi f'każ illi ma jitressaq l-ebda appell f'waqtu mill-persuna li kontriha tkun qiegħda tiġi mposta l-penali, tali ittra uffiċjali ssir tikkostitwixxi titolu esekuttiv.*

11. *Illi da parti tagħha, il-liġi relattiva tispeċifika dwar il-kontenut tal-ittra uffiċjali maħruġa a tenur tal-artikolu 13 tal-Kap 545 u tirregola l-mod ta' kif ir-Regolatur għandu jaġixxi.*

12. *Illi proviso tal-artikolu 31(1) jipprovdi bl-aktar mod ċar illi l-persuna li kontriha tiġi imposta l-penali għandha tingħata opportunita' raġonevoli sabiex tagħmel id-debiti sottomissjonijiet tagħha. Il-proviso in kwistjoni jaqra hekk:*
*Iżda ukoll il-persuna, li kontriha tiġi mposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunita' raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lir-Regolatur u sabiex tipproponi kull rimedju li jirrimedja l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mir-Regolatur jekk dawn l-atti jew l-ommissjonijiet ikunu għadhom jistgħu jiġu rimedjati.*
*Minkejja dan, jirriżulta ċar mill-ittra uffiċjali surreferita stess illi fil-fatt din il-proċedura ġiet maqbuża mir-Regolatur. Il-liġi* ***tirrikjedi*** *lir-Regolatur illi jagħti l-opportunita' lil min tkun ser tiġi mposta l-penali kontrieh sabiex jagħmel sottomissjonijiet u/jew proposti tiegħu. Minkejja dan, din ma kinitx il-posizzjoni illi ħa r-Regolatur. Ir-Regolatur minflok sempliċiment stabilixxa r-rimedji illi dehrlu hu, u ma provda l-ebda opportunita' lill-esponenti sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha.*

13. *Illi din il-proċedura li fuqha mexxa r-Regolatur hija waħda li b'mod inerenti tiffavorixxi lill-istess Regolatur. Kien għalhekk illi l-leġislatur, sabiex joħloq element ta' bilanċ bejn il-partijiet provda l-proviso surreferit li jobbliga lir-Regolatur sabiex jagħti opportunita' lil min ikun qed jitmexxa kontrih, illi jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u /jew jipproponi rimedji.*

14. *Illi l-obbligazzjoni tar-Regolatur illi jipprovdi lill-persuna li kontriha tkun ser tiġi imposta l-penali bl-opportunita' illi tagħmel is-sottomissjonijiet u/jew tipproponi rimedji, ma tista' qatt tiġi mwarrba. Fil-fatt anke il-proċedura rigwardanti każijiet*

*ta' periklu u preġudizzju serju kif jipprovdi l-artikolu 13(5) espressament tirriżerva dan l-imsemmi dritt tal-persuna li kontriha tkun ser tiġi imposta l-penali.*

15. *Illi fil-fatt fil-każ odjern, ir-Regolatur applika biss dawk l-elementi tal-proċedura li kien jaqbel lilu b'mod selettiv. Ir-Regolatur* ***naqas milli japplika l-proċedura kollha fl-intier tagħha*** *billi ma provda l-ebda opportunita' lill-esponenti illi tagħmel is-sottomissjonijiet u/jew tipproponi r-rimedji da parti tagħha. L-effett ta' dan huwa illi bilanċ maħsub mil-leġislatur jinsab kompletament żbilanċjat favur tar-Regolatur. Dan ma jistax ħlief jirriżulta fin-nullita' tal-proċedura.*

***It-Tieni Aggravju: Proċeduri huma nulli għaliex ma jinkludux avviż dwar l-effetti tal-ittra uffiċjali***

16. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' appellanti qiegħda tissottometti illi l-ittra uffiċjali mibgħuta mir-Regolatur ai termini tal-Artikolu 13 tal-Kap 545, fi kwalunkwe każ hija nulla. Tali nullita' tirriżulta mill-fatt illi l-Awtorita' naqset milli tindika l-proċedura li l-esponenti kellu jsegwi sabiex iwaqqaf l-ittra uffiċjali surreferita milli tiġi reża eżekuttiva u għalhekk milli l-Awtorita' takkwista titolu eżekuttiv kontra s-soċjeta' esponenti.*

17. *Illi l-każ n disamina si tratta dwar proċedura inizjata permezz ta' ittra uffiċjali u li f'każ li ma jsirx id-debitu appell minnha, tali ittra uffiċjali issir tikkostitwixxi titolu esekuttiv. Il-proċedura adoperata mir-Regolatur fil-każ odjern hija evidentement waħda simili għal dik misjuba fl-artikoli 466 u 166A tal-Kap 12.*

18. *Illi fi proċeduri ta' natura tant espedita li essenzjalement jevitaw proċeduri quddiem l-Onorabbli Qrati tagħna, dejjem ġie ritenut il-fatt illi huwa l-obbligu tal-mittenti li jindika b'mod mill-aktar ċar lill-persuna intimata x'passi irid isegwi sabiex jopponi għal dak li jkun qiegħed jiġi mitlub mill-mittenti u intant jevita illi l-mittenti jakkwista titolu eżekuttiv kontrih. Huwa daqstant ieħor ċar illi f'dan il-każ dan ma sarx u ma ngħata l-ebda avviż lill-esponenti dwar kif għandu jikkontesta l-kontenut tal-istess ittra uffiċjali.*

19. *Illi l-prinċipju hekk kif hawn fuq delinejat jemerġi kjarament mis-sitwazzjoni analoġika għal dik odjerna relatata mal-proċedura rikjesta għall-validita' ta' ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-artikoli 466 u 166A tal-Kap 12.*

***It-Tielet Aggravju: L-esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur***

20. *Illi fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta' appellanti qatt ma akkwistat u/jew ħażnet fuels imkien, la fl-indirizz indikat fl-ittra uffiċjali mir-Regolatur u lanqas fl-ebda indirizz ieħor u dan kif ser jirriżulta matul it-trattazzjoni tar-rikors odjern. Il-proċeduri mibdija mir-Regolatur fil-konfront tal-esponenti permezz tal-ittra uffiċjali surreferita għalhekk ma jistgħu qatt jirnexxu.*

***<u>Ir-Raba' Aggravju: Nuqqas ta' prova tal-vjolazzjoni</u>***

21. *Illi dwar il-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-Regolatur naqas milli jipprova l-allegata vjolazzjoni b'mod sodisfaċenti.*

*Għaldaqstant filwaqt li l-esponenti tirriserva li tipproduċi dawk il-provi kollha permessi mill-liġi titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka l-effetti kollha tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Novembru 2016 maħruġa mir-Regolatur tas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kontra C&F Building Contractors Limited u b'mod partikolari jiddikjara illi tali ittra uffiċjali ma tikkostitwixxix titolu eżekuttiv fil-konfront tal-appellanti C&F Building Contractors Limited, bl-ispejjeż kontra l-imsemmi Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma."*

Ra r-risposta tar-**Regolatur intimat** ippreżentata fid-9 ta' Jannar 2017 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

*"Illi t-talba tas-soċjeta C&F Building Contractors Limited għandha tiġi miċħuda u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi dan l-Appell jittratta dwar l-ittra uffiċjali datata 22 ta' Novembru 2016, kopja ta liema hija hawn annessa u mmarkata Dokument REWS1.*

*2. **L-Ewwel Aggravju tas-soċjetà appellanti: Li l-Proċeduri huma nulli għaliex ma jsegwux dak li l-proċedura stabbilita mil-liġi teħtieġ fl-intier tagħha***

*Illi preliminarjament ir-Regolatur esponenti jissottometti illi l-Ewwel Aggravju tas-soċjetà appellanti li l-proċeduri inizjati permezz tal-ittra uffiċjali tar-Regolatur huma nulli għandha tiġi respinta billi l-istess aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u dana stante li r-Regolatur appellat mexa mal-proċedura ddettata mill-liġi u li l-istess Regolatur fil-fatt osserva r-rekwiżiti proċedurali kollha stabbiliti mill-liġi.*

*Illi s-soċjetà appellanti hija żbaljata meta tqies li l-proċedura li qiegħed jutilizza r-Regolatur, li fi kliemha "l-istess Regolatur jista' jgħaddi sabiex jimponi u jirkupra penali amministrattivi wara l-ħruġ ta' ittra uffiċjali tinsab stabbilita permezz tal-artikolu 13 tal-Kap 545." u li r-Regolatur "jimponi penali amministrattivi, b'dana illi f'każ illi ma jitressaq l-ebda appell f'waqtu mill-persuna li kontriha tkun qiegħda tiġi imposta l-penali, tal-ittra uffiċjali issir tikkostitwixxi titolu esekuttiv."*

*Illi huwa risaput li skont il-ġurisprudenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal, ir-Regolatur għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu għal kull deċiżjoni li tittieħed. Illi fil-każ odjern ir-Regolatur biex jieħu deċiżjoni definittiva u jimponi multa amminstrattiva kontra s-soċjetà appellanti jrid l-ewwel jgħarraf lill-istess soċjeta` li qiegħed jikkonferma il-pożizzjoni tiegħu stabbilita fl-ittra uffiċjali jew li jkun qiegħed jirriġetta s-sottomissjonijiet tal-intimat u li jżomm fermi r-raġunijiet imsemmija fl-ittra uffiċjali.*

*Illi allura mhijiex korretta s-soċjetà appellanti meta tgħid li ma ngħatatx l-opportunità biex tagħti s-sottomissjonijiet tagħha biex tipproponi kull rimedju li jirrimedja għall-azzjonijiet jew l-ommissjonijiet tagħha, billi:*

*(i) sar l-appell odjern li permezz tiegħu l-intimat (l-appellant f'dawn il-proċeduri) qiegħed jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu;*

*(ii) illi f'kull każ, ir-Regolatur għadu ma ħax deċiżjoni definittiva li jimponi multa amministrattiva kontra s-soċjetà appellanti stante ukoll l-iżvolġiment ta' l-appell odjern;*

*Illi għaldaqstant dan l-aggravju għandu jiġi respint.*

***3. It-Tieni Aggravju tas-soċjetà appellanti: il-Proċeduri huma nulli għaliex ma jinkludux avviż dwar l-effetti tal-ittra uffiċjali***

*Illi r-Regolatur mhuwiex obbligat li jindika l-proċedura li l-appellanti kellu jsegwi sabiex fi kliemu "iwaqqaf l-ittra uffiċjali surreferita milli tiġi reża eżekuttiva". Illi ma tistax teżisti ebda analoġija mal-proċedura rikjesta għall-validità ta' ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-artikoli 466 u 166A tal- Kap 12 ma' dik odjerna. Illi filwaqt li l-artikolu 166A (3), per eżempju, jeħtieġ tassativament li l-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, dan mhuwiex meħtieġ mill-proċedura għall-impożizzjoni ta' piena amminstrattiva taħt il-Kap.545.*

*Illi dan l-aggravju għandu għalhekk jiġi ukoll respint billi l-istess aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.*

***4. It-Tielet Aggravju tas-soċjetà appellanti: L-esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur***

*Illi dan l-aggravju għandu għalhekk jiġi ukoll respint billi l-istess aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. L-oneru tal-prova li s-soċjetà appellanti mhijiex il-leġittimu kontradittur jinkombi fuq l-istess esponenti. Illi kien uffiċjal tal-istess soċjetà appellanti li kien informa lir-Regolatur bl-eżistenza tal-ħażna in kwistjoni u bl-akkwist ta' karburant li kien iseħħ biex jiġi maħżun fih, u dan kif se jiġi pruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

***5. Ir-Raba' Aggravju tas-soċjetà appellanti: li r-Regolatur naqas milli jipprova l-allegata vjolazzjoni b'mod sodisfaċenti,***

*Illi r-Regolatur appellat wara diversi spezzjonijiet fis-sit fejn tinsab il-ħażna in kwistjoni avża bil-miktub (ara dok. REWS 2 anness) kif ukoll verbalment diversi drabi lil rappreżentanti tas-soċjetà appellanti biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tal-istess soċjetà, illi iżda talli ammonimenti ġew injorati. Illi għaldaqstant ir-Regolatur ma kellux triq oħra għajr li jipproċedi skont il-liġi bil-ħruġ ta' ittra uffiċjali kontra s-soċjetà appellanti. Illi l-eżistenza tal-ħażna in kwistjoni ġiet konfermata minn rappreżentanti tal-istess soċjetà u mill-ispezzjonijiet fis-sit mill-uffiċjali tar-Regolatur stess kif se jiġi kkonfermat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Illi min-naħa tagħha, is-soċjetà appellanti ma ressqet l-ebda prova li tagħti sostenn lil dan l-aggravju.*

*Għaldaqstant r-Regolatur appellat umilment jikkontendi li dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad dan l-aggravju stante li huwa nfondat fill-fatt u fid-dritt.*

***6. Konklużjoni***

*Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment jinterponi li dan l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad l-aggravji tal-appellanti filwaqt li jagħmel referenza għall-atti kollha ppreżentati u għall-provi mressqa, jirriserva li jressaq kull prova oħra permessa bil-liġi u jitlob bir-rispett għar-raġunijiet premessi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu jiċħad l-appell tal-appellanti u jikkonferma l-effetti kollha tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Novembru, 2016, bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ra illi għal diversi snin is-soċjeta` rikorrenti talbet differiment sabiex tirregolarizza ruħha;

Ra illi wara li dan it-Tribunal ta numru ta' opportunitajiet lis-soċjeta rikorrenti biex tagħmel dan, ordna li l-proċeduri jitkomplew sabiex finalment jiġu deċiżi;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjeta` rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tar-Regolatur intimat komunikata lilha permezz ta' ittra uffiċjali datata 22 ta' Novembru 2016 fejn ġiet infurmata illi fi żmien għoxrin (20) ġurnata kellha tissottometti applikazzjoni biex tkun tista' topera faċilita` sekondarja tal-ħżin tal-*petroleum*. Fin-nuqqas ir-Regolatur kien se jimponi multa amministrattiva ta' tlett elef Ewro (€3000) u ta' ħamsin ewro (€50) għal kull jum ta' nuqqas ta' tħaris.

Illi l-kwistjoni odjerna tirrivolvi madwar ħażna ta' *petroleum* fl-indirizz C. & F. Building Contractors Limited, Triq Ħal Far, Birżebbuġa. Jirriżulta li wara spezzjoni li saret minn uffiċjali tar-Regolatur instabet ħażna ta' *petroleum* li s-soċjeta` rikorrenti ma kinitx awtorizzata taħżen mir-Regolatur. Sussegwentement is-soċjeta` rikorrenti ġiet avżata mir-Regolatur biex tieqaf b'effett immedjat milli tkompli twettaq din il-vjolazzjoni. Madanakollu baqgħet inadempjenti.

Illi permezz tal-ewwel aggravju is-soċjeta` rikorrenti saħqet illi l-proċeduri intavolati mir-Regolatur intimat huma nulli għaliex ma jsegwux il-proċedura stabbilita mil-liġi fl-intier tagħha, u cioe`, ir-Regolatur ma tax żmien skont kif stipulat f'artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 545 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Regolatur tas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma) sabiex is-soċjeta` rikorrenti tkun

tista’ tressaq is-sottomissjonijiet tagħha qabel ma jiġu mposti l-multi amministrattivi.

Illi artikolu 13 (1) sa (4) tal-Kapitolu 545 jistipula s-segwenti, u cioe`:-

*“13.(1) Ir-Regolatur,* ***qabel ma jirkupra penali amministrattiva*** *fuq xi persuna li tikser jew tonqos milli tosserva –*

*(a) xi dispożizzjoni ta’ dan l-Att;*
*(b) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;*
*(ċ) xi liġi oħra li r-Regolatur għandu l-jedd li jenforza; jew;*
*(d) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li r-Regolatur ikollu l-jedd li jenforza; jew*
*(e) xi kondizzjoni ta’ xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att,*

*għandu permezz ta’ ittra uffiċjali lill-persuna involuta –*

*(i) jagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tkun qiegħda tiġi imposta mir-Regolatur;*
*(ii) jagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qiegħda tiġi imposta dik il-penali;*
*(iii) jagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;*
*(iv) jitlob lil dik il-persuna sabiex tirrimedja l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minnha jekk dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu għadhom jistgħu jiġu rimedjati u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lir-Regolatur fi żmien speċifikat: Iżda dak iż-żmien ma jistax ikun ta’ aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:*

*Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta’ żmien li jista’ jkun stipulat fl-ittra uffiċjali sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lir-Regolatur u sabiex tipproponi kull rimedju li jirrimedja l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mir-Regolatur jekk dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu għadhom jistgħu jiġu rimedjati.*

*(2) Fl-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), ir-Regolatur jista’ jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jista’ jikkunsidra raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.*

*(3) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mir-Regolatur skont is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li tosserva l-*

*kondizzjonijiet li r-Regolatur jista' jimponi, ir-Regolatur għandu jieqaf milli jkompli jipproċedi:*

*Iżda jekk il-persuna involuta, wara li tkun intrabtet bil-miktub, kif imsemmi hawn qabel, tonqos milli tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mir-Regolatur skont is-subartikolu (1) jew tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma bil-miktub, ir-Regolatur għandu jimponi penali amministrattiva kontra dik il-persuna għal dak in-nuqqas, flimkien mal-penali amministrattiva li tkun ġiet imposta għall-ksur innifsu.*

*(4) Jekk wara li jiskadi l-perjodu msemmi fis-subartikolu (1),ir-Regolatur jikkunsidra li l-persuna involuta ma tkun tat ebda raġuni valida sabiex turi għaliex m'għandhiex tiġi imposta ebda penali amministrattiva kontriha, ir-Regolatur għandu jgħaddi sabiex jirkupra dik il-penali amministrattiva."*

Illi jirriżulta illi l-ewwel darba li r-Regolatur kiteb lis-soċjeta` rikorrenti kien fid-29 ta' Awwissu 2016[1] fejn ġiet mitluba tbattal it-tank mhux awtorizzat mill-*petroleum* fi żmien ħamest (5) ijiem u sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha *vis-a-vis* l-operazzjoni tal-*Petroleum Filling Station* fi żmien għoxrin (20) ġurnata. It-terminu mogħti mir-Regolatur għalhekk huwa in linja mal-*proviso* tal-Artikolu 13 (1)(iv) tal-Kapitolu 545 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' ittra oħra datata 6 ta' Ottubru 2016[2] ir-Regolatur reġa' kiteb lis-soċjeta` rikorrenti fejn interpellaha sabiex fi żmien għoxrin (20) ġurnata tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha.

Wara l-imsemmija interpellazzjonijiet, fit-22 ta' Novembru 2016, ir-Regolatur ippreżenta l-ittra uffiċjali li minnha qiegħed isir dan l-appell u li permezz tagħha interpella lis-soċjeta` rikorrenti sabiex:

1. fi żmien għoxrin (20) ġurnata tissottometti applikazzjoni biex tkun tista' topera faċilita` sekondarja tal-ħżin tal-*petroleum*;
2. tiddeżisti milli twettaq kull attivita` f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjoni tal-istess faċilita` sekondarja;

Ir-Regolatur infurmaha wkoll illi jekk tonqos li tottempra ruħha ma' dak rikjest, kien qiegħed jimponi multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 12 (2) tal-Kapitolu 545 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' tlett'elef Ewro (€3000) u ħamsin ewro (€50) għal kull jum ta' inadempjenza.

[1] Dok REWS2 a fol. 17
[2] Ibid.

Illi skont Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 545 l-obbligu fuq ir-Regolatur li jagħti żmien sabiex is-soċjeta` rikorrenti tagħmel is-sottomisjoniet tagħha jiskatta jekk ir-Regolatur ikollu intenzjoni li "**jirkupra l-penali amministrattiva**". Illi minn qari tal-ittra jemerġi illi l-intenzjoni tar-Regolatur kienet illi jekk is-soċjeta` rikorrenti ma tagħmilx dak rikjest huwa kien se jgħaddi biex jirkupra l-penali amministrattiva msemmija. Kwindi malli huwa wera din l-intenzjoni, skatta wkoll il-*proviso* tal-artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 545, u cioe`, li r-Regolatur kellu jagħti perjodu ta' żmien li kellu jiġi stipulat fl-istess ittra uffiċjali sabiex is-soċjeta` rikorrenti tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u biex tipproponi rimedju li jirrimedja l-attijiet jew ommissjonijiet tagħha.

Illi jirriżulta illi dan it-terminu ma ngħatax. Kwindi d-deċiżjoni notifikata lis-soċjeta` rikorrenti permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali hija waħda rregolari għaliex ma segwietx id-dettami tal-liġi.

Kwindi l-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

Illi s-soċjeta` rikorrenti ressqet aggravji oħra kemm ta' natura proċedurali u kemm fil-mertu. Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens illi fl-ittra uffiċjali ma kienx hemm avviż dwar l-effetti tal-istess ittra uffiċjali, u cioe` li din tista' tiġi reża eżegwibbli jekk is-soċjeta` rikorrenti ma tappellax minnha. Illi s-soċjeta` rikorrenti tikkompara l-effetti tal-istess ittra uffiċjali mal-effetti ta' ittri uffiċjali ppreżentati taħt l-artikolu 166A u 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan l-aggravju. Illi li kieku l-liġi riedet li jingħata xi tip ta' avviż, allura dan kien jiġi stipulat fl-istess liġi bħal ma hu l-każ tal-artikolu 166A u 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi r-Regolatur intimat ma naqas bl-ebda mod billi ma tax l-avviż pretiż mis-soċjeta` rikorrenti, għalkemm fil-fehma tat-Tribunal huwa awspikabbli li tali avviż jingħata.

Illi t-tielet aggravju tas-soċjeta` rikorrenti huwa fis-sens illi hija mhux il-leġittimu kontradittur stante li hi qatt ma akkwistat u/jew ħażnet *fuels* imkien. Illi l-istess soċjeta` ipproduċiet provi illi kollha jindikaw illi s-soċjeta` responsabbli mix-xiri tal-*fuel* kienet Schembri & Sons Limited.[3] Jirriżulta wkoll li l-art fejn qiegħda l-ħażna tgħajjat lil Schembri and Sons Limited u dan kif jirriżulta minn kuntratt esebit minn Frank Schembri, direttur u azzjonist tas-soċjeta` rikorrenti.[4] Di piu`, meta uffiċjali tar-Regolatur marru fuq is-sit in kwistjoni fis-7 ta' Settembru 2016 u ħadu l-kampjuni huma ndikaw li l-isem u l-indirizz tal-faċilita' huwa "Schembri & Sons Ltd."[5] Sussegwentement

[3] Dokument B a fol. 89 sa 98
[4] Dokument A a fol. 80 et sequitur
[5] Dokument C a fol. 99

jirriżulta illi l-applikazzjoni li saret sabiex tiġi regolarizzata l-ħażna tal-*fuel* saru minn Schembri Infrastructures Ltd. u dan kif jirriżulta minn diversi dokumenti esebiti mill-Perit Mark John Scicluna, impjegat mal-istess soċjeta`.

Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, is-soċjeta` rikorrenti irnexxielha tipprova illi mkien ma ġie ppruvat dak in-ness neċessarju bejnha u bejn il-ħażna ta' *fuel* mhux awtorizzata, tant li anke meta ġew prelevati l-kampjuni kien hemm indikazzjoni li ma kinitx C & F Building Contractors Limited li kienet is-soċjeta` responsabbli mill-istess ħażna. It-Tribunal ikompli jsaħħah din il-fehma tiegħu bil-fatt illi l-applikazzjonijiet sussegwenti saru f'isem soċjeta` terza distinta minn C & F Building Contractors Limited. Kwindi t-tielet aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

Illi t-Tribunal għalhekk iħoss li m'għandux jinoltra ruħu fil-mertu sabiex dan jibqa' impreġudikat f'każ li r-Regolatur intimat iħoss li għandu jieħu xi azzjoni ulterjuri.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi, fit-termini hawn fuq enunċjati, jilqa' l-ewwel u t-tielet aggravju tas-soċjeta` rikorrenti filwaqt li jiċħad it-tieni aggravju u konsegwentement jiċħad l-eċċezzjonijiet li jindirizzaw l-ewwel u t-tielet aggravju u jilqa' l-eċċezzjoni relatata mat-tieni aggravju.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**